FOND GĦAL PERSUNI F'RISKJU LI JAQGĦU LURA

ANTHEA CACHIA

Twaqqaf uffiċjalment fond għal solidarjetà volontarja (VSF) li se jitħaddem minn bord ta' amministraturi ffurmat mill-Prof. Josef Bonnici, Mario Galea u Michael Pace Ross, Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

L-għan ta' dan il-fond, imwaqqfa grazzi għall-ħidma li saret fi ħdan il-Fondazzjoni Pontificja Centesimus Annus, hija biex tgħin lill-individwi biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni, aċċess għall-kura tas-saħħa, u jsibu impjieg. Tiswaq ukoll li kulħadd ikollu l-opportunità biex jesprimi t-talenti tiegħu. B'hekk dawn l-individwi jkunu jistgħu jikkontribwixxu fis-soċjetà Maltija.

L-ORIZZONT tkellem ma' Prof. Josef Bonniċi u qalilna li "Il-punt prinċipali ta' din il-fondazzjoni hija li jekk wieħed qiegħed fi stadju li kellu problemi t'integrazzjoni, t'edukazzjoni jew ta' tislif ta' flus u għandu bżonn l-għajnuna, din il-fondazzjoni se tintuża biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Huwa jemmen li: "ikun ferm aħjar jekk lill-persuna tgħallimha tistad milli tagħtiha ħuta biex tikolha."

Il-VSF ġiet imwaqqfa biex tkun ta' għajnuna għal dawk li m'għandhomx l-opportunitajiet li jkunu iktar indipendenti u jeħtieġu iktar assistenza. Il-VSF hija miftuħa għal kulħadd irrispettivament mir-razza, oriġini, religjon u twemmin tagħhom. Bħalissa l-VSF huwa fi Spanja, fl-Ingilterra, f'Malta u fl-Italja u minkejja li bħalissa mifrux f'erba' pajjiżi fl-Ewropa biss iktar 'il quddiem se tespandi internazzjonalment.

"Saru diversi evalwazzjonijiet tas-soċjetà biex naraw x'għandu jsir meta tara s-soċjetà hekk kif tkun qed tiżviluppa matul is-snin" saħaq Isqof Awżiljarju Galea Curmi fil-konferenza tal-aħbarjiet.

L-Isqof filwaqt li rringrazzja l-membri tal-Fondazzjoni Centesimus Annus Pro Pontifice tal-ħidma tagħhom favur il-prinċipju tas-solidarjetà mniedi mill-Papa Franġisku, żied jgħid li l-Arċidjoċesi ta' Malta se tkun qiegħda tagħti l-ewwel għotja ta €5,000 b'risq dan il-fond.

Il-membri tal-assoċjazzjoni tennew li huwa t'importanza għal dan il-fond li jevalwaw il-valur tal-proġetti fi ħdan is-sistema ta' *revolving loans*. Din is-sistema hija waħda li tgħin l-intraprendituri jifthu negozji żgħar tagħhom b'self mingħajr interessi.

Il-fondazzjoni tgħin lill-persuni milquta minn inċidenti soċjali. Dawn jinkludu nies bla dar, refuġjati, vittmi li għaddew minn trawma tas-saħħa mentali, vittmi tad-droga u d-dipendenza fuq l-alkoħol u eks priġunieri. Il-programmi ffinanzjati jipprovdu l-appoġġ meħtieġ biex l-individwi jerġgħu jiġu integrati fis-soċjetà.

Mill-banda l-oħra, il-penzjonanti, dawn ukoll se jkollhom l-opportunità li jkunu iktar produttivi wara li jieqfu mill-post tax-xogħol. "Aħna nafu li ħafna penzjonanti għandhom kapaċitajiet li wieħed jutilizza. B'ħekk dan il-fond se jkun qiegħed isostni lil dawn l-individwi" sostna Josef Bonnici.

Il-volontarjati li jipparteċipaw f'dawn il-programmi jaffaċċjaw ostakli mentali, innuqqas ta' *self-esteem* u ħafna drabi jista' jeħtieġ għieda kontra r-rieda tal-individwu biex jaċċettaw u jtejbu lilhom infushom mentalment.

Maġistrat jgħid li ma jaċċettax attakki fuq l-għalliema

Il-Maġistrat Joe Mifsud għamilha ċara li ma jaċċettax attakki fuq l-għalliema. Irrimarka dan fid-digriet li ta fil-konfront ta' Alexander Camilleri, ir-raġel li flimkien ma' ħuh tressaq fil-Qorti b'rabta ma' inċident fi skola f'Pembroke.

Camilleri u ħuh Feliciano jinsabu mixlijin li weġġgħu żewġ għalliema u t-tifel li allegatament kien qed jibbulja lit-tifel ta' Feliciano. L-aħwa Camilleri qed isostnu li t-tifel ta' 15-il sena kien ilu jaqbad ma' iben Feliciano li għandu 13-il sena.

Waqt li ċaħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest ta' Alexander Camilleri, il-Maġistrat saħaq li l-vjolenza qatt mhi aċċettabbli wisq aktar fl-iskejjel. "Il-Qorti mhix ħa tibqa' ċassa meta tara edukaturi jweġġgħu waqt ħidmiethom. Bħal uffiċjali pubbliċi oħra se jsibu l-protezzjoni li jixirqilhom."

Il-Maġistrat Mifsud żied li l-edukaturi għandhom dritt li jikkoreġu lill-istudenti jekk ma jkunux qed iġibu ruħhom sew u sostna li allaħares naslu fi stat li ma jistgħux jikkoreġu lill-istudenti. Hu qal li għalkemm għaddew is-snin mindu kien student xorta għadu jindirizza għalliema li jiltaqa' magħhom bħala "Sir", "Fr" jew "Miss" b'turija ta' rispett. "Ikun sewwa li l-istudenti tal-lum jikbru u magħhom tikber l-istima tagħhom lejn l-edukaturi tagħhom," żied jgħid il-Maġistrat Mifsud.

L-iskart fl-2017 jiżdied bi 8.8%

Ċifri maħruġin mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) juru li matul l-2017 l-iskart żdied bi 8.8% fuq is-sena ta' qabel.

Matul is-sena li għaddiet ġie ġġenerat 293,557 tunellata li kien ifisser 23,720 tunellata aktar mill-2016.

L-ikbar żieda kienet dik ta' 10,930 fl-iskart imsejjaħ muniċipali, jiġifieri dak ġenerat fid-djar, segwit mill-*bulky waste* li żdied b'10,160 tunellata. Fl-istess waqt naqas b'2,680 l-iskart tal-ikel. L-istatistika turi wkoll li naqas bi 3,283 tunellata l-iskart li ngħabar mis-*civic amenity sites* fejn il-pubbliku jista' jieħu oġġetti tad-dar u ta' ċertu daqs kemm għarrimi kif ukoll għar-riċiklaġġ.

L-iskart li jingħabar fil-boroż griżi jew ħodor kif ukoll il-ħġieġ, it-tnejn minn wara l-bibien, żdiedu bi 3,622 tunellata biex laħaq l-20,735. L-NSO sab ukoll li l-iskart organiku żdied bi 892 tunellata primarjament għax Għawdex kien inkluż mallokalitajiet f'Malta fil-ġbir tiegħu. Matul l-2017 l-ammont ta' skart muniċipali żdied bi 11.5% fuq l-2016 biex laħaq il-264,744 tunellata bi 92% jispiċċa fil-*landfills* bil-bqija ġie riċiklat fejn minnu 36.2% kien karta, 29.5% metall u 11.2% plastik.

RELISH
fresh food to your taste

WE ARE RECRUITING!

Following an expansion in our business, we are looking for bartenders, baristas, waiters/waitresses, kitchen hands and cleaners to work in a busy airport cafeteria. Applicants should have a good command of spoken english and be willing to work under pressure. Working hours involve day and night shifts, including weekends and public holidays. A clean police conduct is a must!
The selected candidates will be working as a team. Only smart looking individuals who give personal hygiene importance will be considered. Basic knowledge of food handling is considered an asset. Experience is also considered an asset but not a must as all necessary training will be provided by the company. It will be the duty of the candidates selected to maintain a high level of customer care and meet customers expectations.
Interested candidates are required to send a curriculum vitae by 10th February 2019, accompanied by a passport photo and a letter informing us of the position that interests him/her the most.
Applications are to be addressed to Mr Christopher Vella by e-mail on **relishmia@gmail.com** or by mail to **Relish, "The Forum" Level 2, Constitution Street, Mosta.**

Il-Ministru Konrad Mizzi jwaqqa' xi libelli

Fi stqarrija għall-istampa, il-Ministeru għat-Turiżmu qal li l-Ministru Konrad Mizzi se jkun qiegħed jirtira xi libelli marbuta ma' dak li kien intqal fuqu flaħħar snin.

L-istqarrija nħarġet wara d-deċiżjoni tal-Qorti filkawżi li nfetħu mill-eks Kap tal-Partit Nazzjonalista Simon Busuttil u tal-MEP David Casa għal inkjesta maġisterjali dwar dak allegat fuq il-kumpanija 17 Black.

Intqal li "l-Ministru Mizzi jinnota li issa ġie ddeterminat li m'hemm l-ebda evidenza dwar l-allegazzjonijiet ta' għemil ħażin."

Il-Gvern stqarr li l-Ministru Mizzi kien se jwaqqa' l-libelli minħabba li l-użu talliġi tal-midja biex tikkastiga lil dawk li għamlu dawn l-allegazzjonijiet ma jservi l-ebda skop akbar minn dak li diġà ġie deċiż mill-Qrati.